A.L. 75 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm5,000,000 6.35% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998

(L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-Subartikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm5,000,000 6.35% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jiftħu s-Sibt, 5 ta' Ġunju, 1993, fid-9 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, 3 ta' Lulju, 1993 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

2. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali w in-negozju tal-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

3. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm5,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

4. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-3 ta' Lulju u fit-3 ta' Jannar ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas għall-perijodu bejn l-4 ta' Lulju, 1993, u t-3 ta' Jannar, 1994, għandu jsir fit-3 ta' Jannar, 1994.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm50,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-3 ta' Lulju, 1993.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jinfeda bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *Stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1998 u l-31 ta' Diċembru, 1998 (iżżewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta tal-Gvern.